IL-PARLAMENT EWROPEW

## DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-POLITIKI INTERNI TAL-UNJONI

### DIPARTIMENT GĦALL-POLITIKI B: POLITIKI STRUTTURALI U TA’ KOEŻJONI

### TRASPORT U TURIŻMU

# L-IMPATT TA' ESTENSJONI POSSIBBLI FUQ LIVELL TAL-UE TA' REĠJUNI TA’ SORVELJANZA GĦALL-EMISSJONIJIET TA’ KUBRIT GĦALL-KOSTA EWROPEA KOLLHA

## SOMMARJU EŻEKUTTIV


**Astratt**

Din in-nota ta' informazzjoni tipprovdi analiżi dettaljata tal-impatt ta' deċiżjoni politika dwar reġjuni ta’ sorveljanza għall-emissjonijiet ta’ kubrit (SECAs) b'mod ġenerali u dwar l-espansjoni tagħha biex tkopri r-reġjuni kollha tal-baħar matul il-kosta tal-UE. Għal dan l-għan, din in-nota tinkludi sfond informattiv relevanti u riżultati ta' riċerka li se jservu biex tkompli d-diskussjoni parlamentari dwar kemm hu rakkomandabbli li s-SECAs ikunu estiżi għar-reġjuni littorali kollha tal-UE. Lil hinn mill-għan ta' appoġġ għall-politika ta' żvilupp, din in-nota tinkludi wkoll fatti u ċifri relevanti u informazzjoni aġġornata dwar opinjonijiet xjentifiċi oħra, ibbażati fuq ir-riżultati ta' stħarriġ estiż dwar dan is-suġġett.



IP/B/TRAN/FWC/2010-006/LOT 3/C2/SC1 2012

PE 474.549 MT

Dan id-dokument ġie mitlub mill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu tal-Parlament Ewropew.

## AWTUR

*HSBA* – Prof. Dr. Orestis Schinas
*Grupp I3* - Jian Bani

## AMMINISTRATUR RESPONSABBLI

Piero Soave
Parlament Ewropew
Dipartiment Tematiku B: Politiki Strutturali u ta’ Koeżjoni
B-1047 Brussell
E-mail: poldep-cohesion@europarl.europa.eu

## ASSISTENZA EDITORJALI

Nóra Révész

## VERŻJONI LINGWISTIKA

Oriġinal: EN.
Traduzzjonijiet: DE, FR.

## DWAR IL-PUBBLIKATUR

Biex tikkuntattja d-Dipartiment tal-Politiki B jew biex tabbona fl-ittra ta' informazzjoni li toħroġ ta’ kull xahar jekk jogħġbok ikteb lil: poldep-cohesion@europarl.europa.eu

Il-manuskritt tlesta f'Mejju 2012.
Brussell, © Unjoni Ewropea, 2012.

Dan id-dokument huwa disponibbli fl-internet fl-indirizz:
http://www.europarl.europa.eu/studies

## KLAWSOLA TA' ESKLUŻJONI MIR-RESPONSABILITÀ

L-opinjonijiet espressi f'dan id-dokument huma r-responsabilità biss tal-awtur u mhux neċessarjament jirrappreżentaw il-pożizzjoni uffiċjali tal-Parlament Ewropew.

Ir-riproduzzjoni u t-traduzzjoni għal raġunijiet mhux kummerċjali huma awtorizzati, dment li s-sors jiġi rikonoxxut u l-pubblikatur ikun mgħarraf minn qabel u mibgħut kopja.

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

Din in-nota ta' informazzjoni titratta l-limiti stretti dwar il-kubrit fil-fjuwils għall-użu marittimu, speċjalment fiż-żoni magħżula u protetti tal-baħar li huma l-aktar sensittivi għat-tniġġis tal-arja, l-hekk imsejħa reġjuni ta’ sorveljanza għall-emissjonijiet ta’ kubrit (SECAs). Din in-nota għandha l-għan ukoll li tesplora r-riskji marbuta mal-espansjoni tas-SECAs attwali fl-Unjoni Ewropea (UE), u tiddiskuti l-introduzzjoni possibbli ta' reġjuni ġodda ta’ sorveljanza għall-emissjonijiet ta’ kubrit, inkluż il-possibilità li s-SECAs jinkludu l-kosta kollha tal-UE.

It-tniġġis tal-arja minn sorsi ta' bastimenti, inkluż mill-ossidi tal-kubrit (SOx), għandu impatt fuq is-saħħa u l-ambjent. Din it-tema hi waħda ta' prijorità politika għolja, kemm fuq livelli Ewropej u dawk Internazzjonali. Hi kwistjoni kumplessa f'termini xjentifiċi u politiċi, b'interessi konfliġġenti tal-partijiet interessati.

## Sfond leġiżlattiv

L-Organizzazzjoni Internazzjonali Marittima (IMO) hi responsabbli għall-prevenzjoni tat-tniġġis tal-baħar mill-bastimenti, prinċipalment permezz tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-Vapuri (il-Konvenzjoni MARPOL). L-Anness VI tal-Konvenzjoni MARPOL tindirizza l-kwistjoni tal-emissjonijiet SOx u tintroduċi l-kunċett ta' SECAs, i.e. żoni tal-baħar li fihom japplikaw limiti stretti għall-kubrit.

- Fil-preżent, l-Anness VI jistabbilixxi l-limiti għall-kontenut ta' kubrit bil-massa, għal 3.5% f'reġjun li mhux sorveljat għall-emissjonijiet ta' kubrit u 1.0% għal żona SECA.
- Dawn il-limiti se jitnaqqsu b'0.5% f'żona li mhix SECA fl-2020 (suġġett għal analiżi intermedja fl-2018), u għal 0.1% f'żona SECA fl-2015.

Id-Direttiva tal-Unjoni Ewropea 2005/33/KE teoretikament hi allinjata mad-dispożizzjonijiet u r-regolamenti tal-IMO dwar il-kontentut tal-kubrit fil-fjuwil u dwar metodi ta' konformità. Mill-1 ta' Jannar 2010, l-Istati Membri huma mitluba li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-bastimenti ma jużawx fjuwils b'kontenut ta' kubrit li jeċċedi l-0.1% bil-massa meta jirmiġġaw f'port tal-UE.

## Analiżi tat-traffiku

Id-deċiżjoni dwar jekk għandhomx ikunu estiżi s-SECAs għandha tittieħed fid-dawl tal-bidliet fil-volum tat-traffiku. Iż-żona marina ewlenija ta' rilevanza għal din in-nota hi l-Mediterran. It-traffiku u l-kummerċ hu mistenni li jikber, u għalkemm se jonqsu l-livelli ta' emissjonijiet per se, iż-żieda fit-traffiku tista' tqiegħed pressjoni akbar fuq l-ambjent. Għandha għalhekk tingħata kunsiderazzjoni għall-estensjoni tas-SECAs fl-ibħra Ewropej bħala mezz li bih jonqos il-piż fuq l-ambjent.

## Sfidi tekniċi

L-introduzzjoni ta' limiti ta' kubrit għall-fjuwils tal-bastimenti tat bidu għal riċerka teknoloġika biex jitnaqqas it-tniġġis u għal fjuwils alternattivi. Il-punti li ġejjin jiġbru l-kwistjonijiet ewlenin:

- hi disponibbli teknoloġija ta' tindif u din tindirizza ħafna mill-isfidi tekniċi, bl-ispejjeż

tal-installazzjoni li jvarjaw sew skont it-tip, l-età u d-daqs tal-bastiment;

- LNG (gass naturali likwidu) bħala fjuwil tal-baħar hu alternattiva promettenti, sakemm jiġi żviluppat netwerk sostanzjali ta' punti ta' provvista tal-fjuwil mal-kosta Ewropea;
- aktar xogħol ta' riċerka hu meħtieġ fl-oqsma ta' scrubbers ibridi u tal-iżvilupp ta' infrastruttura fuq ix-xatt għal-LNG;
- qafas regolatorju stabbli jsaħħaħ l-isforzi tal-manifatturi biex jindirizzaw id-diversi sfidi tekniċi.

### Lezzjonijiet miksuba

L-impatt tas-SECAs attwali fil-Baħar tat-Tramuntana u dak Baltiku ġew studjati. L-istudji jindikaw li:

- attwalment hemm kultura ta' konformità, imma hu impossibbli li jiġi kkalkulat il-livell attwali ta' konformità;
- hemm kwistjonijiet ta' kontroll u infurzar li jeħtieġ jiġu indirizzati. Id-Direttiva tal-UE msemmija hawn fuq tista' tkun infurzata aħjar jekk tkun inkorporata fil-protokolli tal-Memorandum ta' Pariġi;
- l-evitar tar-regolamenti jista' jkun marbut mal-prezz għoli tal-fjuwil li jkun konformi;
- il-benefiċċji tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' SOx huma ogħla mill-ispejjeż;
- tunnellaġġ mhux konformi għandu jitneħħa gradwalment, jew tiġi implimentata teknoloġija ġdida, malajr kemm jista' jkun;
- għandhom jiġu żviluppati xenarji realistiċi bil-għan li ssir analiżi adatta tal-ispejjeż tar-regolament il-ġdid u jiġu allokati l-ispejjeż.

### Kwistjonijiet dwar fjuwil

It-tħabbir tal-prezzijiet futuri tal-provvista tal-fjuwil hi kwistjoni kumplessa. Madankollu, hu evidenti li fjuwils b'livell ta' kubrit baxx huma ferm ogħla mill-fjuwils b'livell għoli ta' kubrit li qed jintuża attwalment. Jekk nieħdu Rotterdam bħala l-'port tas-suq bażiku', il-prezzijiet tal-fjuwil huma mistennija li jkunu ogħla f'portijiet ta' provvista oħrajn, partikolarment fin-nofsinhar tal-Ewropa.

Ma jidhirx li kwistjonijiet dwar id-disponibilità u l-prezz ta' fjuwil b'livell baxx ta' kubrit qed jiġu indirizzati.

Se jkun impost piż finanzjarju sostanzjali fuq sidien u operaturi ta' bastimenti. Madankollu, jekk il-limiti jitnaqqsu b'mod sostanzjali il-benefiċċji għas-soċjetà jiżdiedu.

### Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

- It-traffiku tal-bastimenti hu mistenni li jikber, b'żieda korrispondenti f'emissjonijiet ta' SOx assoċjati.
- It-tbaħħir hu l-akbar sors ta' aċidifikazzjoni f'ħafna pajjiżi Ewropej;
- Kull tnaqqis fil-piż ambjentali se jkollu benefiċċji usa' għas-soċjetà;

- It-teknoloġija tat-tindif hi diġà disponibbli;
- Tnaqqis fil-limiti permissibbli ta' SOx u kwalunkwe estensjoni tas-SECAs Ewropej iservu ta' stimulu għal riċerka teknika fil-qasam tat-tnaqqis u tal-fjuwils alternattivi;
- Hija mistennija innovazzjoni teknika kif ukoll it-tkabbir ta' gruppi ta' attivitajiet kummerċjali relatati. Id-dikjarazzjoni ta' żoni ġodda SECA, skont il-qafas IMO, jistgħu jiffaċilitaw infurzar effettiv tar-regolamenti skont ir-reġim tal-kontroll mill-Istat tal-port (PSC);
- Ir-rekwiżiti tal-limiti tas-SECA flimkien ma' dawk tal-Arja Nadifa għall-Ewropa (CAFE)[1] iwasslu għat-titjib mistenni fil-kwalità tal-arja;
- Hija possibbli bidla modali għal katini jew alternattivi loġistiċi li jniġġsu aktar, imma l-ebda kwantifikazzjoni mhi disponibbli u dan għandu implikazzjonijiet prattiċi għall-kummerċ bejn uħud mill-pajjiżi tal-UE.

Fuq il-bażi tar-riżultati ta' hawn fuq, ir-rakkomandazzjonijiet jinġabru kif ġej:

- l-estensjoni tas-SECAs għall-kosta kollha tal-UE tpoġġi kundizzjonijiet ugwali għall-partijiet interessati kollha u ssaħħaħ il-kompatibilità teknika tal-flotta tat-tbaħħir fuq rotot qosra li sservi portijiet Ewropej;
- pajjiżi terzi viċin għandhom ukoll jadottaw regoli ambjentali stretti; dan ifisser li hu meħtieġ fehim politiku u kooperazzjoni;
- deċiżjoni li ma testendix is-SECAs twassal għal inkompatibilitajiet tekniċi, għal kwistjonijiet ta' kompetizzjoni u għal livell għoli ta' esternalitajiet;
- hi meħtieġa aktar riċerka dwar kalkolu tal-impatt fuq it-tisħin globali ta' emissjonijiet tal-kubrit fuq l-ibħra miftuħa;
- jeħtieġ issir valutazzjoni dettaljata tal-għadd u l-kapaċità tal-punti ta' provvista ta' LNG meħtieġa;
- huma disponibbli fondi mill-UE u minn sorsi finanzjarji oħra; jistgħu jkunu meħtieġa aġġustamenti ffukati għat-termini ta' dawn it-tipi ta' fondi.

[1] L-għan tal-programm tal-Kummissjoni Arja Nadifa għall-Ewropa (CAFE) hu li jistabbilixxi strateġija integrata fuq perjodu twil ta' żmien li tindirizza t-tniġġis tal-arja u tipproteġi kontra l-effetti tagħha fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. Il-Kummissjoni reċentement nediet analiżi komprensiva tal-politika tagħha dwar l-arja, filwaqt li bniet fuq l-Istateġija Tematika dwar it-Tniġġis tal-Arja tal-2005 u l-inizjattiva CAFE.